Djoċesi ta' Għawdex

# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

**Nru. 457** **JANNAR 2015**

*It-48 Jum il-Paċi*
1 ta' Jannar 2015
Messaġġ ta' Papa Franġisku

MHUX AKTAR ILSIERA, IMMA AĦWA TA' XULXIN

---

*"Agħtini nixrob, qalilha Ġesù" ( Gwanni 4,7)*

## *OTTAVA TA' TALB GĦALL-GĦAQDA TAL-INSARA*

## Mit-18 sal-25 ta' Jannar 2015

**L-Erbgħa 21 ta' Jannar isir is-Servizz Ekumeniku**
**Knisja ta' Santu Wistin - 6.00pm**
*Inħeġġu l-membri tal-Għaqdiet biex jipparteċipaw.*

***It-Tieni Sinodu ta' Għawdex, fid-Digrieti 71b u 72 dwar din il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda tal-Insara jgħidilna:*** "Għandha tkun imħeġġa bil-ħerqa kollha l-ħidma ekumenika ma' ħutna l-Insara li mhumiex f'għaqda sħiħa mal-Knisja. Peress li meħtieġ ħafna t-talb, huma rrikmandati ħafna l-'Ġimgħat għall-Għaqda tal-Knejjes' li jsiru fil-parroċċi, kif ukoll is-servizz ekumeniku li għandu jsir għall-inqas darba fis-sena. Huwa mixtieq li l-Kattoliċi jissieħbu mal-aħwa mifrudin minna sabiex jagħmlu talb lil Alla fi kwalunkwe ħtieġa komuni li fiha jistgħu u għandhom jikkoperaw flimkien, per eżempju sabiex jissaħħu l-paċi fejjieda u l-ġustizzja soċjali, il-karità reċiproka fost il-bnedmin, id-dinjità tal-familja u ħwejjeġ bħal dawn."

---

## KONFERENZA DJOĊESANA DWAR IL-FAMILJA

Il-Kummissjoni Djoċesana Familja qed torganizza Konferenza Djoċesana bis-suġġett: **Tindaħallix! Kif nifhem lil uliedi adolexxenti.**
**Data**: Is-Sibt, 24 ta' Jannar 2015
**Post:** Villa Fiorita (Limiti ta' Marsalforn)
**Ħin:** 5.30-8.30pm
**Kelliem:** Fr Joseph Farrugia, Psikologu, Direttur tal-Gozo Family Counselling Centre u Lecturer l-Università.
Kulħadd huwa mistieden. Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal.

---

## ADORAZZJONI U TALB GĦALL-VOKAZZJONIJIET

Infakkru li kull l-ewwel Ħamis tax-xahar fil-kappella tas-Seminarju ssir ġurnata adorazzjoni b'talb għall-Vokazzjonijiet (mis-7.00am sal-10.00pm). Inħeġġu lill-membri tal-Għaqdiet biex isibu ftit ħin u jmorru fil-kappella tas-Seminarju jitolbu quddiem Ġesù Ewkaristija. Fl-istess jum, bejn is-7.00 u t-8.00 ta' filgħaxija jinżamm mument ta' talb organizza mill-Grupp Talb Dun Mikiel Attard.

Nixtiequ nagħtu l-Awguri tagħna għas-sena ġdida 2015 lil dawk kollha li jieħdu ħsieb iqassmu, jaqraw u jwettqu dak li din in-"NEWSHEET" tal-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi twasslilhom u lil dawk kollha responsabbli u membri tal-Għaqdiet, Movimenti u Gruppi ekkleżjali kif ukoll xandara tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali li biha jinqdew biex iwasslu dan il-materjal li jsibu fiha għall-informazzjoni u formazzjoni tas-semmiegħa u qarrejja tagħhom minn xahar għal xahar matul din is-sena 2015.

## NIXTIEQU S-SENA T-TAJBA 2015 LIL KULĦADD!

**JANNAR 2015**

# KALENDARJU PASTORALI

**Numru 457**

| | |
|---|---|
| 1.Hamis | Solennità tal-Imqaddsa Omm Alla Marija (Pontifikal fil-Katidral) / It-48 Jum il-Paċi.<br>Ġabra fil-knejjes għad-Dar tal-Providenza. |
| 2.Ġimgħa | San Bażilju l-Kbir u San Girgor Nazjanzenu Isqfijiet u dutturi tal-Knisja. Tifkira (O).<br>L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Ador. u Tqarbina Riparatriċi.<br>Quddiesa għall-Professjonisti (Knisja ta' Santu Wistin - 8.00pm). |
| 3. Sibt | L-Isem Mqaddes ta' Ġesù. Tifkira.<br>Lejl adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku (Parroċċa tal-Għasri li jibda b'quddiesa fit-8.00pm). |
| **4. Hadd** | **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej** (Pontifikal fil-Katidral). Jitħabbru l-Festi li jimxu mal-Għid. |
| 5.Tnejn | Jum is-Sant'Infanzja (*Children helping children*). |
| 6.Tlieta | Preparazzjoni MTŻ San Ġorġ u Katidral (6.30pm). |
| 7.Erbgħa | Laqgħa KDF (7.00pm) / Preparazzjoni MFF 3 (8.30pm). |
| 8.Hamis | Laqgħa għall-Għalliema tal-Yr.4 (S.F.)<br>Ġurnata Adorazzjoni Ewkaristika b'talb għall-vokazzjonijiet (Seminarju mis-7.00 am sal-10.00pm.)<br>Laqgħa "Grupp Talb Dun Mikiel Attard" (Seminarju mis-7.00pm sat-8.00pm). |
| 10. Sibt | Ċenaklu Azzjoni Kattolika fil-4.00p.m. Dar Ċentrali A. K. Victoria.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Sant'Anton Abbati – Xagħra li jibda b'quddiesa fit-8.00pm. |
| **11.Hadd** | **Il-Magħmudija tal-Mulej. Festa. Jum l-Emigranti u r- Refuġjati.**<br>**Tiftaħ il-Viżta Pastorali fil-Parroċċa ta' San Lawrenz.**<br>Films għall-familja kollha (Oratorju Don Bosco - 5.30pm). |
| 12.Tnejn | Jiftħu l-Applikazzjoni għal Kinder 1 fl-iskejjel tal-Knisja./ Laqgħa għas-saċerdoti Zona A –Seminarju fl-4.00pm. |
| 13.Tlieta | AKSK (Konservatorju Sek.) . |
| 14.Erbgħa | Laqgħa RKPF (KDF – 7.00p.m.). |
| 15.Hamis | Laqgħa għalliema YR.5. (SF.). |
| 16.Ġimgħa | Laqgħa għall-Persuni Separati ( KDF - 8.00pm). |
| 17.Sibt | Sant' Anton Abbati- Tifkira (O). / Laqgħa ta' Awguri għall-Kleru mal-Isqof (Seminarju - 9.00am).<br>**Quddiesa ta' Radd il-Hajr għall-Episkopat tal-E.T. Mons. Pawlu Cremona, Isqof Emeritu ta' Malta (Ta' Pinu - 6.30pm).**<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria li jibda b'quddiesa fit-8.00pm. |
| **18. Hadd**<br><br>**18-25** | **It-Tieni Hadd tas-sena B. Bidu tas-46 Ġimgħa ta' talb għall-għaqda fost l-Insara.**<br>Festa ta' Sant'Anton Abbati (Knisja ta' Sant'Anton, Xagħra u tberik tal-animali u pets mill-Isqof Mario Grech.fil-4.45pm. /Films għall-familja kollha (Oratorju Don Bosco - 5.30pm).<br>Issir is-46 Ġimgħa ta' talb għall-għaqda fost l-Insara. |
| 19.Tnejn | Laqgħa għas-saċerdoti Żona B (San Lawrenz fl-4.00p.m.) |
| 20.Tlieta | San Fabian Papa martri u San Bastjan Martri. Tifkira. |
| 21.Erbgħa | Sant'Anjeże Verġni u Martri. Tifkira (O).<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani .<br>Servizz ekumeniku Leġjun ta' Marija (Knisja ta' Santu Wistin – 6.00pm) |
| 22.Hamis | San Publju Prinċep ta' Malta. Tifkira (O).<br>Id-9 Anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-E.T.Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex. Quddiesa ta' Radd il-Ħajr (Knisja Ragħaj it-Tajjeb - 6.00pm. / Laqgħa għall-Għalliema Yr. 6 (SF). |
| 23.Ġimgħa | Secondary School Expierence (Skejjel tal-Knisja) |
| 24. Sibt | Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl. Festa.<br>San Franġisk ta' Sales, Isqof u duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>**Konferenza Djoċesana dwar il-Familja (KDF - Villa Fiorita - 5.30p.m.)**<br>Adorazzjoni għall-Qdusija tal-Persuni Ikkonsagrati fil-Parroċċa tal-Qala mis-6.00p.m. – 8.00p.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Kappella Oratorju Don Bosco, Victoria li jibda b'quddiesa fit-8.00pm. |
| **25. Hadd** | **It-Tielet Hadd tas-sena B.**<br>Festa tal-Konverżjoni tal-Appostu Missierna San Pawl (Knisja ta' Marsalforn).<br>It-62 Jum il-Morda bil-Lebbra (Jum il-Ħansenjani) / Jum iċ-Centru Parrokkjali. |
| 26. Tnejn | San Titu u San Timotju , Isqfijiet. Tifkira.<br>Applikazzjonijiet Interni F.1 (Skejjel tal-Knisja). / Laqgħa għas-saċerdoti Żona Ċ (Munxar fil-4.00p.m.) |
| 27. Tlieta | Sant'Anġela Meriċi, Verġni. Tifkira.<br>Applikazzjonijiet Interni F.1 (Skejjel tal-Knisja). |
| 28. Erbgħa | San Tumas t'Akwinu, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>KKSK (Konsrvatorju Sek.) |
| 31. Sibt | San Ġwann Bosco presbiteru. Tifkira (O).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk.fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu ta' Hamet li jibda b'quddiesa fit-8.00pm. |